27 ta' Ġunju, 1950.

Imħallef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Michele Palmier pr. et ne.** *versus* **Nazzareno Zammit et.**

**Assikurazzjoni — Kolliżjoni — "Third Party Risks" — Danni — Solidarjetà — Art. 3 (1) ta' l-Ordinanza XXXVI tal-1939 (Kap. 165).**

*L-ispirtu animatur tal-liġi dwar l-assikurazzjoni ta' karrozzi tal-mutur għar-riski ta' terzi persuni kien dak illi jiġi assikurat il-ħlas tad-danni, lil min isofrihom, derivanti minn kolliżjoni ta' karrozzi. Dik il-liġi ħolqot obligazzjoni ġdida, fis-sens illi bis-saħħa tagħha ħadd ma jista' juża karrozza tal-mutur fuq it-triq, jew ijiegħel jew jippermetti l-użu ta' karrozza tal-mutur fit-toroq, jekk għall-użu ta' dik il-karrozza ma tkunx isseħħ polza ta' sikurta jew garanzija dwar ir-riski ta' terzi persuni.*

*Meta l-karrozza ma tkunx hekk assikurata, huwa responsabili għad-danni derivati minn kolliżjoni mhux biss dak li jikkaġuna direttament u materjalment il-ħsara, jiġifieri dak li kien qiegħed jagħmel użu mill-karrozza, imma anki dak li jkun naqas li jassikura l-vettura; u din ir-responsabilità hija solidali, b'mod li min isofri*

*l-ħsara jista' jdur għall-ħlas tagħha kontra min irid hu, jiġifieri tant kontra l-wieħed jew l-ieħor.*

*Langas jista' dak li kkaġuna l-ħsara materjalment jeħles minn din ir-responsabilità billi jallega illi huwa għamel użu minn dik il-karrozza bil-patt li l-istess kienet assikurata; l-ewwelnett, għaliex il-fatt biss li huwa kkaġuna l-kolliżjoni materjalment, u bi ħtija tiegħu, huwa biżżejjed biex jirrendih responsabili; u mbagħad anki għaliex, qabel ma għamel l-użu mill-karrozza, kien dmir tiegħu li jaċċerta ruħu li kien hemm dik l-assikurazzjoni.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u jiġu mogħtija l-provvedimenti opportuni, u wara li ppremetta illi l-konvenut Zammit, li kien qiegħed isuq f'Tower Road, tas-Sliema, il-motor-car "Singer" no. 2632, appartenenti lill-assenti Grima, fil-15 ta' Luliju 1949, irrokka lill-minuri fuq imsemmi Michele Palmier minħabba negligenza u/jew inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u kkaġunalu debilitazzjoni permanenti u/jew feriti gravi fil-persuna; illi f'dik il-ġurnata l-karrozza fuq imsemmija ma kienetx assikurata kif titlob il-liġi; u illi in konsegwenza tal-feriti riportati mill-istess minuri Michele Palmier l-instant ħallas l-ammont ta' spejjeż meħtieġa għall-kura ta' l-istess minuri, oltre spejjeż oħra, u l-istess minuri, oltre l-feriti riportati, tilef l-impjieg lokativ li kellu; u illi in konsegwenza tal-fatt li l-motor car fuq imsemmija ma kienetx assikurata, iż-żewġ konvenuti huma solidalment responsabili għal dawn id-danni; talab illi li l-istess konvenuti Zammit u kuraturi nomine jiġu kundannati "in solidum" iħallsu lill-instant f'ismu proprju l-ammont ta' l-ispejjeż li fit-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta li nefaq għall-kura ta' l-imsemmi ibnu, u lill-instant nomine l-ammont li jiġi likwidat bħala kumpens tal-permanenti debilitazzjoni kaġunata lil ibnu fuq imsemmi, kif ukoll dak l-ammont li jiġi likwidat bħala kumpens tal-"lucrum" ċessanti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi jirriżulta li fil-15 ta' Luliju 1949..............;

Illi jirriżulta li fil-ħin li ġrat dina l-kolliżjoni, il-car "Singer" nru. 2632 ma kienetx "covered" b'insurance kontra t-Third Party Risks kif trid il-liġi. Il-konvenut Zammit

kien kera dik il-car minn għand il-konvenut Grima, rappreżentat mill-kuraturi;

Ikkunsidrat;

Illi l-perit ġudizzjarju ġie għall-konklużjoni (a) illi........., (c) illi iż-żewġ konvenuti, il-veru responsabili ta' l-inċident huwa l-imsemmi Zammit, għaliex huwa kien isuq. Il-konvenut l-ieħor Grima, billi ma osservax il-liġi ta' l-assikurazzjoni, poġġa lill-attur proprio et nomine f'pożizzjoni li jista' ma jitħallasx, u għalhekk huwa jidher illi għandu jiġi kundannat biss "in via sussidiaria". Solidarjetà bejn iż-żewġ konvenuti ma hemmx; (d) illi bħala effett ta' l-investiment il-minuri Palmier sofra offiża.............; (f) illi d-danni kollha ripartibili bejn l-attur, tant għan-nom proprju kemm ukoll għan-nom tat-tifel minuri, huma ta' £63. 19. 6;

Illi ħadd mill-kontendenti ma għamel xi osservazzjoni għall-konklużjonijiet raġġunti mill-perit ġudizzjarju, ħlief l-attur, li oġġezzjona biss għall-konklużjoni taħt il-paragrafu (c), billi huma jippretendi li r-responsabilità tal-konvenut Grima hija solidali ma' dik tal-konvenut Zammit, u ma hijiex biss sussidjarja għaliha. *Dina l-Qorti taqbel perfettament* mal-konklużjonijiet li ġie għalihom il-perit ġudizzjarju, u tagħmilhom tagħha, in kwantu huwa rritjena..............;

Ikkunsidrat;

Illi relativament għar-responsabilità tal-konvenut Zammit, dina ma titħassarx, u lanqas titnaqqas, biċ-ċirkustanza, allegata minnu (fol. 7), li huwa kera l-car "Singer" minn għand il-konvenut Grima bil-patt li din kienet assikurata dwar ir-riski għal terzi persuni skond il-liġi. Il-fatt biss li huwa kkaġuna materjalment *il-kolliżjoni, u bi ħtija tiegħu, kif ġie* pruvat, huwa biżżejjed biex jirrendih responsabili. U f'kull każ dik iċ-ċirkustanza ma tistax teżonerah. Huwa kien fid-dmir li, qabel jikri l-car, jaċċerta ruħu li l-istess car kienet assikurata (art. 3 (1) Motor Vehicles Insurance (Third Party Risks) Ordinance — Kap. 165);

Illi relativament għar-responsabilità tal-konvenut Grima, il-perit ġudizzjarju ikkonkluda fir-rapport tiegħu li r-responsabilità ta' dan il-konvenut hija biss sussidjarja, u li ma hemmx solidarjetà bejn il-konvenuti..............;

Illi, kif ġa ngħad, il-car "Singer" nru. 2362 tal-konvenut Grima, u li kien isuqha l-konvenut Zammit, dak il-ħin tal-*kolliżjoni ma kienetx assikurata* fit-termini tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza Nru. XXXVI ta' l-1939, kif emendata bl-Ordinanza nru. XVI ta' l-1940 (Kap. 165 tal-Liġijiet ta' Malta). L-ispiritu animatur ta' dik il-liġi kien illi jiġi assikurat il-ħlas tad-danni lil min isofrihom, derivanti minn kol-liżjonijiet ta' *karrozzi*. *Qabel l-introduzzjoni* ta' dina l-liġi, is-sid ta' karrozza ma kien jiġi qatt miżmum responsabili ta' danni simili meta l-karrozza ma kienetx *tkun ġiet misjuqa minnu*; *imma minn driver* ieħor, sakemm ma kienx jiġi pruvat fis-sid li huwa kien fi ħtija "in eligendo". Bil-liġi l-ġdida, li biha saret obligatorja l-assikurazzjoni għat-"third party risks", inħolqot obligazzjoni ġdida, dik jiġifieri li ħadd ma jista' juża karrozza tal-mutur fuq it-triq, jew iġiegħel jew jippermetti *lil persuna oħra tuża vettura* tal-mutur fit-toroq, kemm-il darba għall-użu tal-vettura, minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skond il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' sikurtà jew garanzija dwar ir-riski ta' terzi persuni (art. 3 (1) ta' l-istess Ordinanza). Dina d-dispożizzjoni hija kopja tas-sezzjoni 35 (1) tar-*Road Traffic* Act 1930; u skond il-Qrati Ingliżi, min jikser dina d-dispożizzjoni, li hija obligu statutorju, ikun responsabili fir-rigward tat-"third party *risks*" daqs min *jikkaġuna direttament* id-danni (ara Batten & Dinsdale, Stone and Cox Ltd. 1933, Motor Car Insurance, p. 84, u l-każ "Monk vs. Warbey et." *(1935)* 1, K.B. 75, ċitat minn Terrel, Law of Running Down Cases, page 281);

U dan ma jistax ikun mod ieħor. Il-liġi trid li jkun hemm *xi ħadd responsabili għall-ħlas* tad-danni; l-assikurazzjoni tindaħal għal din ir-responsabilità; imma meta ma jkunx hemm assikurazzjoni, huwa evidenti li għal dina r-responsa-*bilità* jkun tenut min ikun naqas li jassikura l-vettura; altrimenti l-liġi jibda jeħles minnha kulħadd; u min isofri l-ħsara jibqa' li ma jkollux kontra *min* idur biex jitħallas tagħha, fil-każ li min jikkaġunaha ma jkollux mezzi biex iħallas — ħaġa din li hija kontra l-ispirtu animatur ta' l-istess liġi. U *konsegwentement, f'każi bħal* dawn, min ibati l-ħsara għandu d-dritt li jdur għall-ħlas tagħha kontra min jidhirlu hu, jiġifieri min ikkaġuna direttament il-ħsara u min naqas li jpoġ-

ġih f'pożizzjoni li jkun jista' jitħallas bla dewmien u b'mod ċert minn għand il-kumpannija assikuratriċi;

Tant hu hekk illi, kieku l-car kienet assikurata, l-attur kien jista' jdur mill-ewwel għall-ħlas tad-danni kontra l-kumpannija assikuratriċi, salv lil din, jekk ikun il-każ, li ddur għar-rifużjoni kontra min kien isuq il-dar. Fin-nuqqas tal-konvenut Grima li jassikura l-car, huwa ġie fil-pożizzjoni tal-kumpannija assikuratriċi; u hekk l-attur għandu dritt jirrivolġi ruħu mill-ewwel kontra tiegħu, la darba ġie misjub li l-konvenut Zammit kien fi ħtija għall-kollizjoni. Jidher għalhekk ċar li r-responsabilità tal-konvenut Grima hija solidali ma' dik tal-konvenut Zammit;

Għal dawn ir-raġunijiet, u b'adozzjoni tal-konklużjonijiet raġġunti mill-perizja ġudizzjarja, safejn biss huma kompatibili magħhom;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi, u hekk tikkundanna lill-konvenut Nazareno Zammit u lill-konvenut Antonio Grima kif rappreżentat mill-kuraturi, biex iħallsu "in solidum" lill-attur, fil-kwalitajiet li jidher fihom, is-somma komplessiva ta' £63. 19. 6 għall-kawżi msemmija fiċ-ċitazzjoni. Bl-ispejjeż.